

# DEĊIŻJONIJIET

## DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW (UE) 2015/2208

tas-27 ta' Ottubru 2015

### dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Impriża Konġunta ARTEMIS għas-sena finanzjarja 2013

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali finali tal-Impriża Konġunta ARTEMIS għas-sena finanzjarja 2013,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-kontijiet annwali tal-Impriża Konġunta ARTEMIS għas-sena finanzjarja 2013, flimkien mat-tweġibiet tal-Impriża Konġunta <sup>(1)</sup>,
- wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni <sup>(2)</sup> dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet u l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi, ipprovduta mill-Qorti tal-Awdituri għas-sena finanzjarja 2013, skont l-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tas-17 ta' Frar 2015 dwar il-kwittanza li għandha tingħata lill-Impriża Konġunta għall-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2013 (05306/2015 — C8-0049/2015),
- wara li kkunsidra d-deċiżjoni tiegħu tad-29 ta' April 2015 <sup>(3)</sup> li jiddifferixxi d-deċiżjoni ta' kwittanza għas-sena finanzjarja 2013, kif ukoll it-tweġibiet mid-Direttur Eżekuttiv tal-Impriża Konġunta ECSEL (li qabel kienet tissejjaħ l-Impriża Konġunta ARTEMIS),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 319 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 rigward ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej <sup>(4)</sup>,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 <sup>(5)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 209 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 74/2008 tal-20 ta' Diċembru 2007 dwar it-twaqqif tal-Impriża Konġunta ARTEMIS għall-implimentazzjoni ta' Inizjattiva Teknoloġika Konġunta f'Sistemi Inkorporati tal-Komputer <sup>(6)</sup>,
- wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 561/2014 tas-6 ta' Mejju 2014 li jstabbilixxi l-Impriża Konġunta ECSEL <sup>(7)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 1(2) u l-Artikolu 12 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 tad-19 ta' Novembru 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju strutturali għall-entitajiet imsemmijin fl-Artikolu 185 tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 1605/2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju li jgħodd għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej <sup>(8)</sup>,
- wara li kkunsidra r-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 110/2014 tat-30 ta' Settembru 2013 dwar il-Mudell tar-Regolament Finanzjarju għal korpi ta' sħubija pubblika-privata msemmija fl-Artikolu 209 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(9)</sup>,

<sup>(1)</sup> ĠU C 452, 16.12.2014, p. 8.

<sup>(2)</sup> ĠU C 452, 16.12.2014, p. 9.

<sup>(3)</sup> ĠUL 255, 30.9.2015, p. 416.

<sup>(4)</sup> ĠUL 248, 16.9.2002, p. 1.

<sup>(5)</sup> ĠUL 298, 26.10.2012, p. 1.

<sup>(6)</sup> ĠUL 30, 4.2.2008, p. 52.

<sup>(7)</sup> ĠUL 169, 7.6.2014, p. 152.

<sup>(8)</sup> ĠUL 357, 31.12.2002, p. 72.

<sup>(9)</sup> ĠUL 38, 7.2.2014, p. 2.

- 
- wara li kkunsidra l-Artikolu 94 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra t-tieni rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A8-0283/2015),
1. Jagħti l-kwittanza lid-Direttur Eżekuttiv tal-Impriża Konġunta ECSEL għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Impriża Konġunta ARTEMIS għas-sena finanzjarja 2013;
  2. Jippreżenta l-kummenti tiegħu fir-riżoluzzjoni t'hawn taħt;
  3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-deċiżjoni, kif ukoll ir-riżoluzzjoni li hi parti integrali minnha, lid-Direttur Eżekuttiv tal-Impriża Konġunta ECSEL, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri, u biex jiżgura li jiġu ppubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* (serje L).

*Il-President*  
Martin SCHULZ

*Is-Segretarju Ġenerali*  
Klaus WELLE

---